# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Hamis tmintax (18) taʼ Jannar 2018**

**Rikors Numru 358/14 FDP**

**Joseph Attard**

**vs**

**Samy El Saghir (ID 157101L), Isabelle El Saghir (ID 306962M)**
**u S.E. Link Limited (C 17948)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fl-4 ta’ Novembru 2014 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsuh is-somma ta’ disghat elef Euro (€9,000) rappresentanti self li sar lill-intimati jew min minnhom fil-forma ta’ self brevi manu u hlasijiet li saru lil terzi fuq struzzjonijiet tal-intimat Samy El Saghir.

Rat ir-risposta ta’ Samy El Saghir ippresentata fit-12 ta’ Jannar 2015 fejn eccepixxa s-segwenti:

1. *Illi effettivament din il-kawza hija konnessa mal-kawza pendenti quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet “Joseph Attard vs Samy El Saghir et” (Talba Nru 734/2014 VG)*

2. *Illi fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi I-konvenut qatt ma ssellef l-allegata somma ta' disat elef Ewro (€ 9000) minghand l-attur kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal- kawza.*

3. *Illi fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost it attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma hemm lebda ammont ta' flus dovut lill- attur hekk kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

4. *Illi fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr preguduzzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante i kwalunkwe flejjes mghoddija lill-esponenti kienu in konsiderazzjoni ta' xoghlijiet esegwiti fuq struzzjonijiet ta' l-istess attur.*

Rat ir-risposta tas-socjeta S.E. Link Limited ippresentata fit-12 ta' Jannar 2015 fejn eccepiet is-segwenti:

1. *Illi qabel xejn it-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta konvenuta ma ghandha I-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur u konsegwentement ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*

2. *Illi fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta konvenuta qatt ma ssellfet flus minghand l-attur.*

3. *Illi fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost effettivament din il-kawza hija konnessa mal-kawza pendenti quddiem it-Tribunal ghal Tabliet Zghar fl-ismijiet 'Joseph Attard vs Samy El Saghir et" (Talba Numru 734/2014VG)*

Rat ir-risposta ta' Isabelle El Saghir ippresentata fid-9 ta' Jannar 2015 fejn eccepiet is-segwenti:

*Illi hija ma ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attur Joseph attard, billi hija la tafu, la taf x jaghmel, la taf fejn jogghod, la qatt dahlet f'negozju mieghu u anqas qatt ghamlet xi tip ta' ftehim mieghu;*

*Illi hija angas taf jekk zewgha Sammy kellu xi tip ta' negozju mieghu jew ftehim iehor u in ogni kaz bejnha u bejn zewgha tezisti s-sistema tal-komunjoni tar-residwi li tirregola l-istess zwieg taghhom u b'dana specifikatament ir-ragel Sammy jista jaghmel kwalunkwe ftehim minghajr il kunsens tal-esponenti;*

Rat l-atti tal-kawza pendenti quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet '***Joseph Attard vs Samy El Saghir et***" (Talba Numru 734/2014VG), u ppresentati minn Samy El Saghir fis 6 ta' Frar 2015 (fol 11) liema kawza giet eventwalment deciza fid-29 ta' Settembru 2016.

Semghet ix-xhieda ta' **Joseph Caruana**, rappresentant tal-Bank of Valletta plc, moghtija fis 26 ta' Frar 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat id-dokumentazzjoni bankarja esebita mir-rikorrent fl-20 ta' April 2015.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent **Joseph Attard** moghtija fil-11 ta' Gunju 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita dakinhar, inkluz traskrizzjoni ta' tlett messaggi li rcieva minghand l-intimat Samy El Saghir.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Ingrid Zammit Young**, bhala rappresentanti tal-GO Mobile plc moghtija fit-12 ta' Novembru 2015.

Semghet ix-xhieda ta' **Marisa Gauci**, bhala rappresentanti tal-Vodafone Malta plc moghtija fit-12 ta' Novembru 2015.

Semghet ix-xhieda ulterjuri ta' Joseph Attard moghtija fit-12 ta' Novembru 2015.

Rat illi fit-12 ta' Novembru 2015 gie appuntat bhala Espert Kurt Mahoney sabiex jezamina l-mobile tar-rikorrent li fuqu allegatament irceiva l-messaggi minghand l-intimat Samy El Saghir.

Rat illi fit-12 ta' Novembru 2015 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat illi fil-15 ta' Frar 2016 gie ppresentat ir-rapport tal-Espert Tekniku Kurt Mahoney illi nhalef fid-19 ta' April 2016.

Rat illi fis-17 ta' Marzu 2016 il-mobile phone gie ritornat lir-rikorrent.

Semghet ix-xhieda ta' Joseph Attard in kontro ezami moghtija fit-13 ta' Ottubru 2016.

Semghet ix-xhieda ta' l-intimata **Isabelle El Saghir** moghtija fit-13 ta' Ottubru 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Semghet ix-xhieda ta' l-intimat **Samy El Saghir** moghtija fl-1 ta' Dicembru 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita, inkluz decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar deciza fid-29 ta' Settembru 2016 u mhux appellata u email bejn il-partijiet datata 4 ta' Ottubru 2013.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Samy El Saghir moghtija fit-23 ta' Frar 2017

Rat illi fis-7 ta' Lulju 2017 il-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa.

Rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensur tar-rikorrent ppresentati fil-5 ta' Ottubru 2017.

Rat is-sottomissjionijet ta' l-abbli difensur ta' l-intimat Samy El Saghir ppresentati fl-4 ta' Novembru 2017.

Rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur ta' l-intimata Isabelle El Saghir ppresentati fl-4 ta' Novembru 2017.

Rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensur tas-socjeta intimata S.E. Link Limited ppresentati fl-4 ta' Dicembru 2017.

Rat illi fl-4 ta' Dicembru 2017 nil-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent, Joseph Attard, li kien qed jahdem bhala receptionist u clerk mas-socjeta RMF, kien iltaqa ma' l-intimat Sami El Saghir, illi huwa IT programer u kien qieghed jiehu hsieb l-IT ta' l-istess socjeta RMF.

Jirrizulta illi z-zewgt partijiet ghamlu hbieb ma' xulxin u, mument minnhom, ir-rikorrent, li kien xtaq jaghmel website li joffri servizz ta' '*live scores'* ta' loghob lokali, kien talab lill-intimat sabiex jghinu u jassistih fiha, peress illi xoghol l-intimat kien f'dak il-qasam.

Jirrizulta illi, madanakollu, il-progett tal-web-site, illi fiha l-intimat kien dahal shab, ma rnexxiex u fil-11 ta' Awissu 2012, ir-rikorrent bghat 'sms' minn fuq il-mobile tieghu ghal fuq dak ta' l-intimat, fejn qallu s-segwenti: (fol 91)

> *"(360) 11/08/2012 13:35:46*
>
> *Sam, re website it seems that still d same. Seems that u r v busy or else. So another season out. With a lot ot things to do testing etc im getting tired waiting. Lost interest in it as agreement as agreed was nt kept despite d fact I gave u a lot of money. Now it up to us decide if u like to manage it by yr own."*

Jirrizulta illi sussegwentement, fil-5 ta' Ottubru 2013, wara li jidher illi waslu ghal xi ftehim il-partijiet, ir-rikorrent baghat email lill-intimat fejn qallu s-segwenti:

> *"Sam,*
> *Kindly sent the autorazion code for transfer and the DNS of the website. Kindly do not remove the site from the current hosting until further notice.*
> *Thks for your help.*
> *Jo"*

Jirrizulta illi l-ghada, 4 ta' Ottubru 2013, l-intimat kiteb lir-rikorrent u qallu s-segwenti:

> *"Hi Joseph,*
>
> *As agreed, please find the Authorization Info for transferring the domain viewresults.eu, you have received the source code and the database and as agreed, thaat ends my involvement in this project and as final settlement, as I said before, I will not charge for the work I have done myself or for the cost of the dedicated hosting till today, I will take care of the supplier myself. Good luck."*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi r-rikorrent, bil-proceduri odjerni, qieghed jitlob ir-rifuzjoni ta' somma flus ammontanti ghal €9,000, liema flus huwa jikkontendi illi silef lill-intimat, liema intimat kien wieghdu illi ser jirrifondihomlu izda dawna baqghu qatt ma wasslu.

Jirrizulta, fost il-provi prodotti, illi mis-'***Savings Account***' tar-rikorrent u ta' martu, saru zewgt pagamenti lill Sami El Saghir permezz tas-sistema tal-'internet banking 24x7', wiehed ta' €1,700 fis 16 ta' Marzu 2011 u iehor ta' €1,500 fit 22 ta' Dicembru 2012 (fol 17)

Jirrizulta wkoll, fost il-provi prodotti, illi mis-'***Savings Account***' tar-rikorrent personali saru tlett pagamenti ohra, wiehed ta' €4,000 fit-12 ta' Jannar 2012 indirizzat lill Sami El Saghir, iehor fit 8 ta' Mejju 2012 ta' €3,000 indirizzat lill S.E. Link Limited u l-ahhar wiehed fit-8 ta' Mejju 2012 ukoll ta' €2,000 indirizzat lill Mrs Isabelle El Saghir.

Jirrizulta illi r-rikorrent jikkontendi illi filwaqt illi z-zewgt pagamenti illi saru mis-savings account tieghu u tal-mara, li jaghmlu total ta' €3,200 kienu relatati mal-website fuq imsemmija, it-tlett pagamenti l-ohra illi saru mis-savings account personali tieghu, li jaghmlu total ta' €9,000, kienu flus mislufa lill-intimat fuq talba tieghu.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi l-intimat jikkontendi illi r-rikorrent qatt ma sellfu flus u l-flejjes kollha illi huwa inghata kienu relatati mal-website illi kien qieghed jaghmel, liema website, skond ix-xhieda ta’ l-intimat, kiene swiet lir-rikorrent madwar sbatax-il elf Euro b’kollox.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, fost il-provi prodotti mir-rikorrent, huwa ppresenta transcript ta’ tlett messaggi illi, skond ir-rikorrent, huma prova illi huwa kien sellef lill-intimat il-flejjes meritu tal-kawza odjerna.

Jirrizulta illi sussegwentement, ir-rikorrent ippresenta seduta stante il-mobile minn fejn tali messaggi kienu ttiehdu u li kien fil-pussess tar-rikorrent meta kien qieghed jikkomunika mieghu l-intimat u l-Qorti qabbdet Espert Tekniku, Kurt Mahoney, sabiex jezamina l-istess mobile u johrog minn tali mobile il-messaggi kollha illi kien hemm, inkluzi dawk relatati mal-kaz odjern.

Jirrizulta illi minn tali mobile hargu serje ta’ messaggi li ntbghatu mill-intimat kif ukoll illi intbghatu mir-rikorrent, fosthom is-segwenti (fol 85):

> *(76) 12/01/2013 10:16:32*
>
> *Joe, if you want to invest Euro 4,000 for 3 weeks with profit of Euro 200 let me know by today*
>
> *(77) 12/01/2013 14:42:43*
>
> *Pls tran today if you can the Euro 4,000 to BOV Acc 40012543599 with description Looan. Send me SMS when you do it pls*

Jirrizulta illi dawna z-zewg messaggi intbghatu min-numru tal-mobile 99039233, illi huwa l-mobile lokali ta’ l-intimat.

Jirrizulta illi fit 12 ta’ Jannar 2013, ir-rikorrent ghamel trasferiment lill-intimat Samy El Saghir ta’ €4,000. (fol 21)

Jirrizulta illi xaghrejn wara, meta l-intimat kien barra minn Malta, huwa baghat dana il-messagg lir-rikorrent:

> *(82) 21/03/2012 15:11:04*
>
> *Joe, there is a problem in trans money from Egypt. I will pay you from my acc in Malta today at night. Will send you SMS to confirm.*

Jirrizulta illi sussegwentement ir-rikorrent baghat verji messaggi lill-intimat sabiex jistaqsi dwar tali trasferiment, u dana fil 25/03/2012 18:44:11 (96), fit 30/03/2012 19:00:45 (108), fit 30/03/2012 20:45:00 (109), fit 02/04/2012 12:41:38 (111), fl-04/04/2012 17:23:58 (120), fil 05/04/2012 12:01:15 u fil 05/04/2012 18:30:49 (129).

Ma jidher illi hemm ebda komunikazzjoni dwar jekk tali flejjes wasslux jew le izda l-partijiet baqghu jikkomunikaw dwar is-servizz tal-website u problemi illi kienu qed jigu riskontrati.

Jirrizulta, izda, illi fil 5 ta' Mejju 2012, l-intimat baghat messagg iehor lir-rikorrent, fejn dina d-darba qallu li gej:

> *(207) 05/05/2012 15:43:34*
>
> *I have the new project coming. Big one. Will take about 3 months. Do you want to invist? And if yes. How much?*

Jirrizulta illi fit-7 ta' Mejju 2012 kien hemm skambu bejn il-partijiet illi kien jghid is-segwenti:

> <u>Messagg minghand ir-rikorrent</u>
>
> > *(222) 07/05/2012 15:58:26*
> >
> > *So how will be my profit*
>
> <u>Messagg minghand l-intimat</u>
>
> > *(223) 07/05/2012 13:58:59*
> >
> > *Estimated profit of this project is about 9-10% for about 3 months. So it is about 40% per year? Is it ok with you.*
>
> <u>Messagg minghand l-intimat</u>
>
> > *(224) 07/05/2012 14:21:44*
> >
> > *About euro 450 in 3 months*
>
> <u>Messagg minghand ir-rikorrent</u>
>
> > *(225) 07/05/2012 16:23:13*
> >
> > *Ok Than call me later*

Jirrizulta illi l-ghada, 8 ta' Mejju 2012, reggha kien hemm skambju iehor ta' korrispondenza bejn il-partijiet

Messagg minghand l-intimat

*(227) 08/05/2012 07:56:24*

*Good morning. Pls trans Euro 3000 to Acc 40014928497 SE link ltd and Euro 2000 to 40020528771 acc I El Saghir. Send me MS when done pls*

Messagg minghand ir-rikorrent

*(228) 08/05/2012 16:28:59*

*Transfer done.*

Jirrizulta illi fit-8 ta' Mejju 2012 ir-rikorrent ghamel transferiment ta' €3,000 lis-socjeta intimata S E Link Limited u trasferiment ta' €2,000 lill-intimata Isabelle El Saghir. (fol 22)

Jirrizulta illi wara dakinhar, il-partijiet baqghu jikkorrispondu regolarment bejniethom dwar il-website sakemm, fil-11 ta' Awissu 2012, ir-rikorrent bghat email lill-intimat, gia fuq irriferuta, fejn gharrfu illi ma riedx ikompli mieghu fuq il-website peress illi kien hemm hafna problemi u kien nefaq hafna flus.

Jirrizulta illi, ghalkemm l-intimat ma rrisponda xejn, fl-4 ta' Settembru 2012 u fid 9 ta' Settembru 2012 ir-rikorrent bghat zewgt messaggi lill-intimat bil-kontenut "*what about d busnisse(sic)*" (364;368) izda ma jidher illi hemm ebda komunikazzjoni ohra minghand l-intimat.

Jirrizulta illi l-intimat, fix-xhieda tieghu, ipprova jikkontesta l-veracita' tal-messaggi kollha prodotti mill-espert tal-Qorti u ikkontesta illi l-mobile kien imbghabas mir-rikorrent, peress illi r-rikorrent kien jaf kif jilghab bid-data tal-mobiles.

Jirrizulta, madanakollu, illi l-intimat jibbaza tali kontestazzjonijiet fuq assersjonijiet illi ghalihom huwa ma ghandu ebda prova u li qatt ma jista jkollu prova taghha, peress illi qieghed jikkontendi illi r-rikorrent dahhal il-messaggi kollha fil-mobile qabel ma inghadda lill-Espert tal-Qorti.

Madanakollu, wara illi rat il-messaggi kollha fid-dettall u rat ir-rapport tal-espert taghha, il-Qorti tqis illi l-messaggi kollha huma indikazzjoni tat-transazzjonijiet u ftehim illi kienu ghaddejjim bejn il-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi ghalkemm ir-rikorrent jghid bil-gurament li l-intimat kien talbu jisilfu xi flejjes, u dawna f'zewgt okkazzjonijiet, attwalment tali flejjes ma' inghaddewx b'self, kif jikkontendi ir-rikorrent, izda kienu investimenti illi kien qieghed jaghmel ir-rikorrent f'progetti illi l-intimat kien involut fihom.

Jirrizulta, di fatti, illi l-ewwel somma ta' €4,000 inghaddiet lill-intimat wara illi dana qallu li investiment ta' €4,000 kien jirrendilu €200 fi profitt f'temp ta' tlett gimghat, filwaqt illi t-tieni somma ta' €5,000 kienet ser tirrendilu €450 fi profitt f'temp ta' tlett xhur.

Jirrizulta, ghalhekk, illi a differenza ta' l-impressjoni illi ta' ir-rikorrent fil-proceduri odjerni, dawna l-flejjes ma gewx mislufa lill-intimat, izda gew mghoddija lill-intimat sabiex bi shab jaghmel investiment mieghu illi eventwalment lir-rikorrent kienet ser trendilu profitt.

Jirrizulta illi, ghal dak illi jirrigwarda l-ammont ta' €2,000 mghoddija lill-intimata Isabelle El Saghir, hija ma kienet involuta bl-ebda mod f'tali flejjes, u tali flejjes inghaddew lilha unikament fuq struzzjonijiet ta' Samir El Saghir fejn, flok ma ghaddhielha somma flus kif regolarment jghaddilha, huwa gharraf lir-rikorrent sabiex, flok ma jghaddi l-flus lilu direttament, jghaddihom fuq il-kont taghha direttament.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi ma huwiex minnu dak illi kien qieghed jistqarr l-intimat, meta qal illi l-flejjes kollha illi inghaddewlu kienu in konnessjoni mal-website illi huwa kien qieghed jaghmel bi shab mar-rikorrenti, u li kienet gia il-meritu tal-kawza 734/2014 fl-ismijiet '*Joseph Attard vs Sami El Saghir et*' deciza fid 29 ta' Settembru 2016, peress illi jidher car li, fil-kaz ta' tali flejjes meritu tal-kawza odjerna, l-intimat hajjar lir-rikorrenti, f'zewgt okkazzjonijiet differenti, sabiex jinvesti flusu fi progett illi kellu l-intimat u li kienu ser irendu lir-rikorrent profitt fi zmien qasir.

Jirrizulta, di fatti, illi huwa minnu li l-intimat ghadda pagament ta' €4,000 direttament lill intimat Samy El Saghir fit-12 ta' Jannar 2012 u pagament iehor ta' €5,000 indirettament, din id-darba, lill intimat, u billi, fuq struzzjonijiet ta' l-intimat, ddesposita €3,000 f'kont tal-kumpannija intimata S.E. Link Limited u ddeposita €2,000 f'kont ta' l-intimata martu Isabelle El Saghir.

Jirrizulta wkoll illi ghalkemm tali flejjes gew mghoddija lill-intimat bil-weghda illi dawna ser jigu ritornati fi zmien qasir u bi profitti, dawna ma gew ritornati qatt w l-intimat ma ressaq ebda prova li juri fejn tali flejjes intefqu, jekk intefqu kif jghid hu, jew inkella jekk tali flejjes intraddewx lura lir-rikorrent bil-profitt lilu mwieghed.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi ghajr ghal allegazzjonijiet varji dwar tbaghbis fil-mobile, l-intimat ma ressaq ebda prova in sostenn tal-progetti illi huwa allegatament kien qieghed jaghmel kif ukoll in sostenn tal-allegazzjoni tieghu li l-website kien swiet lill-intimat aktar minn sbatax-il elf Euro.

Il-Qorti kienet tistenna illi, flok ma jaghmel allegazzjonijiet u asserzjonijiet fl-arja, jressaq provi konkreti li juru kif il-flejjes li r-rikorrent kien ghaddhielu intuzaw – f'dan il-kaz, l-intimat ma ressaq ebda prova.

Il-Qorti, ulterjorment, tosserva illi jidher car li dawna l-flejjes inghaddew direttament lill-intimat Sami El Saghir u li hadd aktar, u ghalkemm certa flejjes inghaddew lis-socjeta S E Links Limited kif ukoll lill-martu Isabelle El Saghir, jidher car illi l-beneficarju ahhari ta' dawna l-flejjes kienu l-intimat Sami El Saghir, u ghalhekk ghandu jaghmel tajjeb ghalihom hu.

Ghalhekk, il-Qorti, wara illi hadet konjizzjoni tad-dokumentazzjoni kollha tal-partijiet u qieset fir-reqqa il-provi kollha prodotti quddiemha, tikkonkludi illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tintlaqa, izda unikament fil-konfront ta' l-intimat Sami El Saghir.

## Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat ir-rapport tal-Espert minnha imqabbad,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet kollha

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet tas-socjeta S E Link Limited kif ukoll ta' l-intimata Isabelle El Saghir u tilliberahom mil-osservanza tal-gudizzju,

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat Samy El Saghir,

**Tilqa** it-talba attrici limitatament fil-konfront ta' l-intimat Samy El Saghir, u ghalhekk

**Tikkundanna** lill intimat Samy El Saghir thallas lir-rikorrent Joseph Attard is-somma ta' **disat elef ewro (€9,000)** rappresentanti flejjes mghoddija lill Samy El Saghir mir-rikorrent u qatt ritornati**.**

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni u **Imghax** kalkolabbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv ikun a kariku ta' l-intimat Samy El Saghir.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur